MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 256/2008

**Asfaltar Limited (C 8313)**

**vs**

**Luqa Farrugia (ID 726550 M)**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1048.22) gja` Lm450 kif jidher minn Dok. A anness mat-talba rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar mislufa lilu skond ftehim iffirmat bejn l-imsemmi konvenut u John Magro ghan-nom tas-socjeta’ attrici datat 9 ta’ Settembru, 2004 u dan taht kundizzjonijiet pattwiti kif jidher fl-istess ftehim kif hemm anness u mmarkat Dok. B,

liema somma baqghet ma thallsitx nonstante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex id-dejn dovut jigi mhallas.

Bl-imghax mill-1 ta’ Awissu, 2005 ghal kull imghax ulterjuri kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-23 ta’ Settembru, 2008 mill-Avukat Paul Felice u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------